MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Numru. 102/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Ferdinand Portelli bin Anton u Maria nee' Camilleri, imwieled fil-25 ta' Settembru, 1980 u residenti Raindrops,
Triq Borg Gheritu, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 492780(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Ferdinand Portelli li gie akkuzat talli nhar is-07.12.2006 ghal habta ta' 23:45hrs fi Triq Putirjal, Rabat, Ghawdex:

1) Minghajr licenzja mexxa attivita' turistika jew ippermetta li xi attivita' turistika titmexxa go fond li ghandu access minn Triq Putirjal u minn gol-hanut Café' Café' li tieghu hu s-sid jew kopropretarju (Art 43(1a) Kap 409);
2) Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi daqq jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata wara 23:00hrs b'tali mod li kienet tinstema' minn barra (Art 38(2e) A.L. 1/2006);
3) Aktar talli bhala persuna li fuq ismu ghandu l-licenzja sabiex jiggettixxi l-hanut Café' Café' u bhala persuna responsabbli mill-fond magenb l-Café Café naqas li jhares xi kundizzjonijiet jew limitazzjonjiet li ghalihom hija suggetta l-licenzja mahruga lilu mill-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta billi dejjaq gara tieghu Giorgia Grech permezz ta' daqq ta' muzika u hsejjes ohra (Art 43(1b) Kap 409);

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rrizulta ppruvat illi kien hemm muzika qed tindaqq b'mod gholi minn fond li jinsab biswit il-hanut Café Café u li jinfed mieghu liema muzika kienet qed tinstema' mit-triq barra. Illi l-imputat Ferdinand Portelli assuma r-responsabbilta' ghat-tmexxija ta' dana l-fond meta mitkellem mill-Pulizja. Kwindi irrizulta illi huwa kien qed imexxi attivita' turistika minn fond mhux licenzjat u inoltre ppermetta li tindaqq muzika amplifikata minn dan il-fond b'mod li dejjaq lill-girien u nstema' minn barra wara il-hdax ta' filghaxija (11:00p.m.);

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 43(1)(a) tal-Kapitolu 409 38(2)(e) tal-Avviz Legali 1/2006, 17(h) tal-Kapitolu 9, issibu hati u tal-akkuzi izda bl-assorbiment tat-tielet (3) akkuza fl-ewwel (1) akkuza, tikkundannah multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------